MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 291/2006

**Avukat Philip Manduca bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà *PUMA AG Rudolf Dassler Sport***

***Versus***

**Avukat Martin Fenech u Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer maħtura b'dikriet tal-21 t'April 2006 kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil *Quanzhou Hallelu Footwear and Clothing Co. Ltd***

Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija sidt il-marka *PUMA*, reġistrata f'Malta bin-numru 13091, u tal-marka *Cat*, reġistrata f'Malta bin-numru 13092. Is-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta' l-attriċi għal din it-*trademark* billi nqdiet b'sinjal identiku fuq oġġett li huwa identiku ma' dawk il-ħwejjeġ li dwarhom ġiet reġistrata t-*trademark* ta' l-attriċi meta daħħlet f'Malta kwantità ta' *slippers* falzifikati bil-marki ta' *PUMA*.

B'hekk il-konvenuta ikkaġunat danni lill-attriċi u l-prodotti li l-konvenuta għandha f'idejha jew li daħħlet jew ipproduċiet jew xerrdet f'Malta bil-marka ta' l-attriċi għandhom jinqerdu kif irid l-art 15 ta' l-Att dwar it-*Trademarks* [Kap. 416] u l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414]. L-attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut kiser id-dritt ta' *trademark* jew *trademarks* ta' l-attriċi u d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta, u hekk ikkaġuna danni lill-attriċi;
2. tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi minħabba l-għemil tal-konvenuta;
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati; u
4. tordna li jinqerdu l-oġġetti – *slippers* u aċċessorji – magħmula jew imxerrda jew miġjuba f'Malta fil-*container* TEXU 3910024 mil-konvenut bit-*trademark* jew *trademarks* tas-soċjetà attriċi.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

Il-kuraturi li nħatru biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xiehda b'*affidavit* ta' Neil Narriman, institur tas-soċjetà attriċi, u ta' George Agius, uffiċjal tad-Dwana, jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka *PUMA* tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' danni s-soċjetà attriċi ippreżentat prospett, li juri li d-danni b'kollox telgħu għal elf lira (Lm1,000) – daqs elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) – spejjeż biex inħażnu, inġarru u nqerdu l-oġġetti, u drittijiet ta' l-uffiċjali tad-dwana. Dan il-prospett ma ġiex kontestat u l-qorti għalhekk tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta' *trademark* tas-soċjetà attriċi, tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi d-danni hekk likwidati, u tordna illi jinqerdu l-krakar li

ddaħħlu Malta fil-*container* TEXU 3910024 u li jġibu fuqhom il-marka *PUMA*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------